32005D0957

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPAT/1/2005

tas-7 ta' Diċembru 2005

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tat-Tim Konsultattiv tal-Pulizija ta' l-UE f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPAT)

(2005/957/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/826/PESK ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Tim Konsultattiv tal-Pulizija ta' l-UE (EUPAT), f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (fYROM) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Bl-Artikolu 7(2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/826/PESK il-Kunsill jawtorizza l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluż is-setgħat li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' l-EUPAT.

(2) Is-Segretarjat-Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-Sur Jürgen SCHOLZ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Jürgen SCHOLZ huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tat-Tim Konsultattiv tal-Pulizija ta' l-UE f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPAT) mill-15 ta' Diċembru 2005.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sa l-14 ta' Ġunju 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar is-7 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
J. KING

[1] ĠU L 307, 25.11.2005, p. 61.